Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,136, 20 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 252 tal-2023

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Eżekuzzjoni ta' Pieni Finanzjarji fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 628A tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Eżekuzzjoni ta' Pieni Finanzjarji fl-Unjoni Ewropea u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Eżekuzzjoni ta' Pieni Finanzjarji fl-Unjoni Ewropea, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 9.14.

Jemenda l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita "Awstrija" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti "Belġju" u "Bulgarija";

(b) minnufih wara l-partita "Franza" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti "Ġermanja", "Greċja", "Irlanda", "Italja" u "Kroazja";

(ċ) minnufih wara l-partita "Rumanija" tagħha għandha tiġi miżjuda l-partita "Slovakkja";

(d) il-partita "Renju Unit" tagħha għandha tiġi mħassra; u

(e) il-partita "Ungerija." tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita "Ungerija" u minnufih warajha għandha tiġi miżjuda l-partita li ġejja:

"Żvezja.".

Emenda ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "pieni", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "penali".